Imħallef :—
L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Edward Vincenti Kind *versus* Carmelo T. Borg

**Konkorrenza Sleali — Tixrid ta' Notizji — Penali — Danni — Art. 38 (1) u 41 (1) u (3) tal-Kodiċi tal-Kummerċ.**

*Il-kummerċjanti ma jistgħux, għal skop ta' konkorrenza, ixerrdu notizji li jistgħu jagħmlu ħsara lill-industrija jew kummerċ ta' kummerċjanti oħra; u l-kummerċjant li jikser din il-projbizzjoni hu suġġett għall-azzjoni tad-danni u l-imgħaxijiet, jew, kif jagħżel il-kummerċjant danneġġjat, għal penali, li tiġi stabbilita mill-Qorti tal-Kummerċ, u ma tkunx anqas minn £10 u iżjed minn £500, skond ma jkun il-kobor tal-fatt, iż-żmien li dam sejjer, il-mala fede tal-kontravventur, u ċ-ċirkostanzi partikulari tal-każ. Liema penali titħallas lill-kummerċjant danneġġjat b'saldu ta' kull pretensjoni tiegħu għad-danni u imgħaxijiet. L-azzjoni għad-danni u l-interessi titmexxa skond ir-regoli tal-liġi ċivili.*

*Għal din il-figura ta' konkorrenza illeġittima l-liġi tagħna ma teżiġix li l-fatti divulgati jkunu falsi; iżda anki d-diffużjoni ta' fatti veri hija punita. Imma l-istess liġi tirrikjedi l-intenzjoni speċifika f'min jippropala l-fatti, jiġifieri l-intenzjoni li jagħmel konkorrenza sleali; u l-apprezzament ta' dan l-element jista' jiġi dedott mill-kumpless taċ-ċirkustanzi, u l-liġi tirrimettieh għall-arbitriju prudenzjali tal-ġudikant.*

*Jekk il-kummerċjant danneġġjat jagħżel l-azzjoni għad-danni u interessi, huwa jeħtieġlu jipprova, barra mill-fatt vjolatur, id-danni realment subiti minnu; jekk huwa jagħżel l-azzjoni għall-penali, biżżejjed jipprova l-fatt vjolatur.*

Il-Qorti: — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, wara li ppremetta illi l-konvenut, permezz ta' l-ittra tiegħu tat-18 ta' Frar 1954 diretta lid-ditta "Max Factor & Co." ta' Londra, li kopja tagħha tinsab annessa ma' l-istess att taċ-ċitazzjoni, xerred, għal skop ta' konkorrenza, notizji li setgħu għamlu ħsara lill-industrija jew kummerċ ta' l-istess attur, kontra d-divjet kontenut fl-art. 38 (1) tal-Kodiċi tal-Kummerċ, talab

illi l-istess konvenut jigi kundannat ihallas lilu dik is-somma, bhala penali, li tigi stabbilità a saldu ta' kull pretensjoni tieghu. Bl-ispejjeż;

Tikkunsidra;

Illi l-fatti li ppreċedew il-kawża, u taw lok ghaliha, huma, fil-qosor, dawn:—

L-attur huwa r-rappreżentant f'Malta tad-ditta "Max Factor & Co. Inc." ta' Bournemouth, li tesporta kosmetiċi. Fi Frar tal-1954 kien hemm id-Dwana, destinati ghall-attur, ċertu numru ta' kaxxi kontenenti kosmetiċi ta' dik id-ditta, u meta gew żdazjati u rtirati mill-attur kienu ilhom hemm xi hmistax jew tmientax-il gurnata. Gara li f'dak iż-żmien rahom il-konvenut ghal darbtejn, b'intervall ta' xi tlieta, erbgha jew hames tijiem, u dana, wara li kien rahom ghat-tieni darba, ottjena l-indirizz tad-ditta, li kellha l-isem taghha fuq dawk il-kaxxi; liema indirizz sabu fuq kaxxa tat-terra ta' l-istess ditta li kienet tuża martu; u fit-18 ta' Frar 1954 kitbilha ittra, li kopja taghha qeghdha fil-fol. 4 tal-proċess, li tibda b'dawn il-kliem:— "As we have been noticing some of your goods lying under Customs Stores, and we are in doubt whether withdrawal of same is to be long delayed, may we enquire if you are inclined to entrust us for clearance of consignment in question". Imbaghad, il-konvenut kiteb li kien ghamel id-domanda ghaliex żmien qabel kien jahdem dak l-artikolu ta' provenjenza franċiża, u ghaliex kellu domanda kbira ghall-kosmetiċi f'dak iż-żmien, meta l-Karnival f'Malta kien viċin hafna; offra s-servizi tieghu bhala rappreżentant f'Malta tad-ditta; u spiċċa biex poġġa ruhu ghad-dispożizzjoni ta' l-istess ditta ghal kull informazzjoni li setghet tirrikjedi minn Malta, u assiguraha li jaghtiha f'kull żmien l-ahjar servizi;

Fit-3 ta' Marzu 1954 id-ditta estera baghtet lill-attur kopja ta' dik l-ittra, u fl-istess jum kitbet lill-konvenut fis-sens li kellha "exclusive distribution arrangements" ma' l-attur. Fit-23 ta' Marzu 1954 il-konvenut irrisponda lid-ditta ta' barra fis-sens li ma kienx jaf li kienet rappreżentata f'Malta, u esprima d-dispjaċir tieghu ghall-inċident. Fis-26 ta' Marzu 1954 l-attur, permezz tal-konsulent legali tieghu, kiteb lill-konvenut biex ihallas lilu £50, oltre l-ispejjeż legali, halli ma jip-

proċedix kontra tiegħu għall-vjolazzjoni tal-liġi regolanti l-konkorrenza sleali. Il-konvenut irrisponda dak in-nhar stess, fissens, però, li ma kienx jaf li l-attur kien l-aġent lokali ta' l-imsemmija ditta, u talab skuża talli kien ikkomunika magħha, u esprima dispjaċir għal-akkadut. Ġimgħa wara l-attur beda din il-kawża bil-preżentazzjoni ta' l-att taċ-ċitazzjoni fuq imsemmi kontra l-konvenut;

Tikkunsidra;

Illi skond l-art. 38 (1) tal-Kodiċi tal-Kummerċ, "il-kummerċjanti ma jistgħux, għal skop ta' konkorrenza, ixerrdu notizji li jistgħu jagħmlu ħsara lill-industrija jew kummerċ ta' kummerċjanti oħra": u skond l-art. 41 (1) ta' l-istess Kodiċi, il-kummerċjant li jikser dik il-projbizzjoni hu suġġett għal azzjoni tad-danni u l-imgħaxijiet, jew, kif jagħżel il-kummerċjant danneġġjat, għal penali, li skond l-inċiż numru (3) ta' l-istess artikolu tiġi stabbilita mill-Qorti tal-Kummerċ, u ma tkunx anqas minn £10 u lanqas iżjed minn £500, skond ma jkun il-kobor tal-fatt, iż-żmien li dam sejjer, il-mala fede tal-kontravventur, u ċ-ċirkustanzi partikulari l-oħra tal-każ; hemma penali titħallas lill-kummerċjant danneġġjat b'saldu ta' kull pretensjoni tiegħu għad-danni u l-imgħaxijiet. L-azzjoni għad-danni u l-interessi titmexxa skond ir-regoli tal-liġi ċivili;

Għall-imsemmija figura ta' konkorrenza illeċita l-liġi tagħna ma teżiġix li l-fatti divulgati jkunu falsi; anki d-diffużjoni ta' fatti veri hija punita. F'dan hija ssegwi s-sistema taljan, franċiż u belġjan, li ma jammettux il-prova tal-verità tal-fatti attribwiti lil ħadd ieħor, u tiddiskosta ruħha mis-sistema tedesk li jeleva għal konkorrenza punibili dik il-konkorrenza biss li tikkonsisti f'diffużjoni ta' fatti falsi. Il-verità jew falsità tal-fatti, skond is-sistema tagħna, tista' biss tinfluwixxi fuq il-miżura tas-sanzjoni li tiġi applikata. Imma l-liġi tirrikjedi l-intenzjoni speċifika f'min jippropala l-fatt, jiġifieri l-intenzjoni li jagħmel konkorrenza sleali. L-apprezzament ta' dan l-element intenzjonali jista' jiġi deżunt mill-kumpless taċ-ċirkustanzi, u l-liġi neċessarjament tirrimettieh għall-arbitriju prudenzjali tal-ġudikant;

Tikkunsidra;

Illi l-attur ma għażelx l-azzjoni għad-danni u imgħaxi-

jiet, dik *ordinarja* preveduta mil-liği ċivili, f'liema każ, oltre l-prova tal-vjolazzjoni tal-liği, kien ikollu jipprova wkoll id-danni reali subiti minnu; imma għażel, invece, l-azzjoni tal-penali, u għal dina l-azzjoni tibbasta l-prova tal-fatt vjolatur:

Tikkunsidra;

Illi fil-każ preżenti ma jidherx li jista' jkun hemm dubju dwar l-*eżistenza* tal-fatt vjolatur tal-liği. In-notizja fuq riferita, li l-merkanzija kienet ilha qiegħda fl-imħażen tad-Dwana, akkompanjata mad-dubju espress "whether withdrawal of same is to be long delayed", u kunsidrata wkoll flimkien ma' dak li jsegwi fl-ittra tal-konvenut lid-ditta' eccetera, kellha fiha nnifisha l-attitudini li tiskwoti l-kreditu u r-riputazzjoni kummerċjali ta' l-attur. Il-vjolazzjoni tal-liği tibqa' anki jekk dik in-notizja kienet vera — dak li, però, ma kienetx; għaliex jirriżulta li l-merkanzija ma kienetx ilha d-Dwana aktar minn tmintax-il ġurnata, u l-istess konvenut stqarr li kien raha hemm għal darbtejn biss u b'intervall ta' tlieta, erba' jew ħamesi ijiem biss;

Illi tirriżulta anki, mill-kontenut ta' l-istess ittra, l-intenzjoni speċifika fil-konvenut li jagħmel konkorrenza sleali; u difatti, il-konvenut staqsa lid-ditta jekk kienetx disposta li tafdalu l-isvinkolu u l-iżdoganament tal-merkanzija; infurmaha li żmien qabel kien jinnegozja fl-artikolu, li fiż-żmien li kien qiegħed jikteb kellu domanda kbira għal merċi simili; talabha r-rappreżentanza għall-pjazza ta' Malta; u poġġa ruħu għad-dispożizzjoni tad-ditta għal kull informazzjoni li setgħet tirrikjedi minn Malta: u, fl-aħħarnett, assikuraha li f'kull żmien jagħtiha l-aħjar serviġi;

Il-konvenut allega li ma kienx jaf illi l-attur kien ir-rappreżentant f'Malta ta' dik id-ditta, anzi jgħid li lanqas biss ma kien jaf li d-ditta kienet rappreżentata f'Malta. A propożitu jiswa li jiġu rikordati ċerti ċirkustanzi li rriżultaw mill-provi, li juru illi l-konvenut aktarx kien jaf li dik id-ditta kellha r-rappreżentant tagħha f'Malta, u forsi anki li dak ir-

rapprezentan, kien l-attur. U difatti, l-attur ilu ghoxrin sena jirrapprezenta f'Malta dik id-ditta, u kontinwament kull sena, barra minn żmien il-gwerra, importa minn ghandha merċi tal-valur ta' eluf ta' liri. Il-konvenut, kif huwa stess stqarr, kien ilu jaf xi sentejn li l-prodotti ta' l-imsemmija ditta kienu qeghdin jiġu spaċċjati f'Malta, peress li kien ilu xi sentejn jara lil martu tuża terra ta' dik id-ditta, u ġie li xtrahielha huwa stess. Inoltre, il-konvenut xehed li f'xi żmien kien jahdem l-istess artikolu ta' oriġini Franċiża, u mhux preżumibili li ma kienx jaf min kienu l-kompetituri tieghu, jew ma' min kien qieghed jikkompeti, riferibilment ghal dawk il-prodotti. Imma, anki jekk ma kienx jaf li d-ditta estera fuq imsemmija kellha aġent jew rapprezentant taghha f'Malta, bhala neguzjant okulat imissu ghamel verifikazzjonijiet serji biex jara ghal min kienet diretta dik il-merkanzija — tfittxija sempliċi hafna, li kienet malajr turih, kieku ghamilha, min kellu jirċievi l-merkanzija, u li min kellu jirċeviha kien ilu rapprezentant tad-ditta;

Tikkunsidra;

Illi, ġa ladarba l-attur ghażel l-azzjoni tal-penali, pruvat il-fatt vjolatur tal-liġi, it-tixrid ta' notizja, vera jew falsa — fil-każ preżenti falsa — li setghet taghmel hsara lill-kummerċ ta' l-attur, bl-intenzjoni ta' konkorrenza sleali, il-kontravventur, jiġifieri l-konvenut, li xerred dik in-notizja, ghandu jiġi kundannat ghal penali minn minimum ta' £10 sa maximum ta' £500, li tiġi mhallsa lill-attur ghas-saldu ta' kull pretensjoni ta' danni u interessi;

Illi l-latitudini tal-piena hija neċessarjament hekk kbira, ghaliex il-ġudikant ghandu japplika dik il-piena li jidhirlu li tkun l-aktar adegwata, kif tghid l-istess liġi, skond iċ-ċirkustanzi ta' kull każ, skond il-gravità tal-vjolazzjoni u tal-fatt vjolatur, skond iż-żmien, twil jew qasir, ghal kemm damet il-vjolazzjoni, skond il-malizzja tal-kontravventur, u, trattandosi ta' tixrid ta' notizja, skond jekk dawk in-notizji kienux

falsi jew veri, u, f'kelma waħda, skond il-fa tispeċje ta' kull każ;

Illi, avut rigward għaċ-ċirkustanzi kollha fuq riferiti, penali ta' £20 hija għall-każ adegwata;

Għaldaqshekk;

Tiddeċidi adeżivament għall-istanza, billi tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur penali ta' £20 bla ħsara ta' kull pretensjoni ta' l-istess attur riferibilment għall-fatt tal-konvenut kostitwenti l-konkorrenza illeġittima fuq riferita. Bl-ispejjeż.

---

**Tmiem tat-Tielet Parti**
**tal-Volum XXXVIII.**

---